**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| **IT-TIELET SENA** | **STORJA (ĠENERALI)** | **ĦIN: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

**Isem: ______________________________ Klassi: ________________**

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet billi taqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**
***(1 x 10 = 10 marki)***

1.1 Ġie deċiż li tinbena l-Belt Valletta:
- a) għax il-Kavallieri kellhom ħafna flus x'jonfqu.
- b) biex La Valette jorbot lill-Kavallieri hawn Malta.
- ċ) biex il-Maltin jużaw il-ġebel li kien hawn Malta. ***(marka)***

1.2 It-toroq tal-Belt Valletta kienu (mserrpin, dojoq, dritti). ***(marka)***

1.3 Il-Papa (Piju V, Pawlu V, Iljun V) għen lil La Valette fil-bini tal-Belt. ***(marka)***

1.4 Is-Sultan Filippu II kien ir-re ta' (Spanja, l-Italja, Franza). ***(marka)***

1.5 Il-postijiet fejn kienu joqogħdu l-Kavallieri jissejħu (kwartieri, palazzi, bereġ). ***(marka)***

1.6 Sakemm telqu minn Malta l-istil tal-bini ta' ħafna palazzi tal-Belt kien jissejjaħ (il-Barokk, il-Gotiku, il-Klassiku). ***(marka)***

1.7 Il-ġebel għall-bini tal-Belt inqata' minn post imsejjaħ (*pozzo*, barriera, *manderaggio*). ***(marka)***

1.8 L-għolja ta' Xebb ir-Ras intgħażlet biex fuqha tinbena l-belt il-ġdida għax:
- a) ma kinitx għolja kbira ħafna.
- b) kienet għolja li tagħti fuq il-Port il-Kbir.
- ċ) setgħu jdawruha bis-swar malajr. ***(marka)***

1.9 Francesco Laparelli kien:
- a) suldat qalbieni li ġġieled kontra t-Torok.
- b) pittur famuż li pinġa f'ħafna knejjes fil-Belt.
- ċ) il-perit li għamel il-pjanta tal-Belt. ***(marka)***

1.10 Il-*Colacchio* kienet:
- a) il-wesgħa fejn joqogħdu l-Kavallieri biss.
- b) il-palazz fejn kien joqgħod il-Gran Mastru.
- ċ) il-post fejn kienu jitolbu l-Kavallieri. ***(marka)***

**2. Qabbel naħa ma' oħra billi tikteb in-numru. L-ewwel waħda magħmula bħala eżempju.** ***(1 x 10 = 10 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Sacra Infermeria | | sptar fir-Rabat |
| 2. | Mattia Preti | | kiteb l-istorja ta' Malta |
| 3. | Santu Spirtu | | re ta' Franza |
| 4. | Ġlormu Cassar | | pinġa "Il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann" |
| 5. | Ġan Franġisk Abela | **1** | sptar tal-Kavallieri |
| 6. | Caravaggio | | mexxa 'l quddiem it-tagħlim tal-Malti |
| 7. | Lwiġi XVI | | il-pjanta tal-kon-katidral |
| 8. | Firenzuola | | ipprova jwaqqaf il-kaċċa f'Malta |
| 9. | Mikiel Anton Vassalli | | tpinġija tas-saqaf tal-kon-katidral |
| 10. | Ximenes | | ikkonfoffa kontra l-Franċiżi |
| 11. | Dun Mikiel Xerri | | iddisinja s-swar ta' Santa Margerita |

**3. Ħares lejn din l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.** ***(Total – 10 marki)***



3.1 Din l-istampa turi niċċa ta' qaddisa. Fejn tista' tara niċeċ bħal dawn?

__________________________________________

__________________________________________ ***(marka)***

3.2 X'juruna fuq il-karattru tal-Maltin in-niċeċ li naraw?

__________________________________________

__________________________________________ ***(2 marki)***

3.3 Iddeskrivi t-toroq ta' l-irħula qodma Maltin.

__________________________________________

__________________________________________ ***(2 marki)***

3.4. X'kien jingħad quddiem in-niċeċ tal-qaddisin?

______________________________________________________________ ***(2 marki)***

3.5 Aqta' sinjal taħt żewġ postijiet li tara fil-qalba ta' raħal Malti.

(każini tal-banda, pixxina, teatru, iz-zuntier, *supermarket*) ***(2 marki)***

3.6 Min kien jgħix fl-Imdina fi żmien il-Kavallieri?

(l-atturi tat-teatru, il-kantanti popolari, in-nobbli, il-professuri) ***(marka)***

## 4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet. *(Total – 10 marki)*



4.1 Din hija stampa taċ-Ċittadella f'Għawdex. Liema belt f'Malta tixbahha?

_______________________________ ***(marka)***

4.2 X'għandha biex jiddifendiha mill-għedewwa?

_______________________________ ***(marka)***

4.3 Aqta' sinjal taħt **żewġ** għedewwa tal-Kavallieri u l-Maltin.

(il-Ġermaniżi, it-Taljani, il-Franċiżi, it-Torok) ***(2 marki)***

4.4 X'kont issib madwar ix-xtut Maltin biex jiddefendu l-gżejjer fi żmien il-Kavallieri?

_______________________________________________________________ ***(marka)***

4.5 Min kien il-Gran Mastru li bena tlettax-il torri ta' l-għassa?

(Garzes, de Vilhena, de Redin, l'Isle Adam) ***(marka)***

4.6 Bħala riżultat tas-sibi, f'Malta kien hawn ħafna lsiera. Agħmel sinjal taħt **żewġ** affarijiet li kienu jagħmlu dawn l-ilsiera.

a) jaħdmu xogħol iebes bħal bini ta' swar.

b) jaqdu s-sidien tagħhom.

ċ) jieħdu ħsieb l-edukazzjoni tat-tfal Maltin u jorganizzaw attivitajiet sportivi. ***(2 marki)***

4.7 Kontra liema Gran Mastru riedu jeħduha l-ilsiera fl-1749?

(Wignacourt, Verdalle, Ximenes, Pinto) ***(marka)***

4.8 Min kixef din il-konfoffa?

(Ġużeppi Cohen, Ġużeppi Grima, Ġużeppi Vella, Ġużeppi Grech) ***(marka)***

## 5. Qabbel il-personaġġ ma' dak li għamel billi tikteb in-numru fil-kolonna. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju. *(1 x 10 = 10 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Voltaire | | fi żmienu nbeda l-akwadott |
| 2. | Napuljun | | it-twaqqif ta' l-Università f'Malta |
| 3. | Hompesch | | ċeda l-gżejjer Maltin lill-Ingliżi |
| 4. | Alexander Ball | | l-ewwel stamperija fi żmien il-Kavallieri |
| 5. | Wignacourt | | perit responsabbli mix-xogħol fl-Imdina |
| 6. | Pompeo del Fiore | | ħabat għall-Gżejjer Maltin |
| 7. | Pinto | | mexxej Malti kontra l-Franċiżi |
| 8. | Mondion | | it-teatru Manoel |
| 9. | De Vilhena | | l-aħħar Gran Mastru ta' l-Ordni f'Malta |
| 10. | Vaubois | | kaptan Ingliż maħbub mill-Maltin |
| 11. | Vitale | **1** | filosfu qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża |

## 6. **Wieġeb il-mistoqsijiet.** *(Total – 20 marka)*

6.1 F'liema battalja kbira, il-flotta nisranija rebħet lil dik Torka?
(Jutland, Aboukir, Lepanto) ***(marka)***

6.2 B'liema mezz kienu jiġu mxandra l-aħbarijiet importanti fi żmien il-Kavallieri?
(bil-bandu, bir-radju, bit-televiżjoni) ***(marka)***

6.3 Kif ġie kkastigat il-mexxej tal-qassisin kontra l-Gran Mastru Ximenes?
(ġie eżiljat, ġie mitfugħ il-ħabs, ġie mogħti l-forka) ***(marka)***

6.4 Liema patrijiet ġew imkeċċija minn Malta fi żmien Pinto?
(Il-Ġiżwiti, il-Franġiskani, id-Dumnikani) ***(marka)***

6.5 Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur kien jinsab (fil-Belt, fir-Rabat, fil-Birgu). ***(marka)***

6.6 L-akwadott ġie mibni minn (Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħ'Attard) sal-(Belt, Marsa, Birgu). ***(2 marki)***

6.7 X'inhu 'akwadott'?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ ***(marka)***

6.8 Għaliex taħseb li l-akwadott kien meħtieġ li jsir fi żmien il-Kavallieri?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ ***(2 marki)***

6.9 Għaliex kellha tiġi rranġata l-Imdina fi żmien il-Gran Mastru Manoel de Vilhena?

____________________________________________________________________ ***(2 marki)***

6.10. Semmi **żewġ** xogħlijiet marbuta mal-flotta ta' l-Ordni.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ ***(2 marki)***

6.11 X'ried ifisser ir-re Franċiż meta qal "L-istat huwa jien"?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ ***(2 marki)***

6.12 (Il-Schonbrun, Il-Bastilja, Il-Hofburg) ġie attakkat mill-folla waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża. ***(marka)***

6.13 Il-Versailles kien (palazz, ħabs, kastell) tal-familja rjali ta' Franza. ***(marka)***

6.14 Ir-reġina ta' Franza kien jisimha (Anna Marie, Marie Claire, Marie Antoinette). ***(marka)***

6.15 Ir-reġina ta' Franza fi żmien ir-Rivoluzzjoni kienet (Franċiża, Ingliża, Awstrijaka). ***(marka)***

**7. Ikteb sentenza li biha tispjega dawn il-kelmiet fl-Istorja.** ***(Total – 10 marki)***

7.1 trattat

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.2 kolonja

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.3 tarzna

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.4 poter assolut

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ ***(2 marki)***

7.5 konfoffa

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ ***(2 marki)***

**8. Ikteb fit-tul fuq WAĦDA minn dawn it-temi.** ***(Total – 20 marka)***

8.1 Ikteb fuq it-tibdiliet li għamlu l-Franċiżi wara li keċċew lill-Kavallieri minn Malta fl-1798.

8.2 Ikteb fuq kif il-Kavallieri bnew u sebbħu l-Belt Valletta.

8.3 Ikteb fit-tul fuq il-konfoffa ta' l-ilsiera ta' l-1749 ***JEW*** ir-Rewwixta tal-Qassisin ta' l-1775.